MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Talba Numru. 417/2012

**GasanMamo Insurance Limited**
**C-3143**

**vs**

**Cassar Pierre**
**ID-181763(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u seba' u sebghin Ewro u sbatax-il centezmu (€677.17c) rapprezentanti bilanc fuq prezz ta' premium ta' polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut, izda mhux imhallsa hekk kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat bhala Dok. A.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' April, 2012 u bl-imghaxijiet legali sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut illi hu ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill- konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija sebgha u sebghin Ewro u sbatax-il centezmu (€677.17c), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------